4) In-natura mhux vinkolanti tal-kuntratt li għalih jagħmel riferiment l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, li hija r-riżultat tal-esklużjoni tal-klawżoli kuntrattwali inġusti ddefiniti fl-Artikolu 2(a) moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Direttiva, għandu jinftiehem fis-sens li din hija sanzjoni li tista' sseħħ b'riżultat ta' deċiżjoni kostituttiva ta' qorti mogħtija fuq talba espliċita tal-konsumatur li tipproduċi konsegwenzi mill-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, jiġifieri *ex tunc*, u l-pretensjonijiet għal ħlas lura tal-konsumatur u tal-bejjiegħ jew fornitur isiru eżiġibbli ladarba d-deċiżjoni ssir *res judicata*?

5) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2010 [ĠU 2010 C 83, p. 389] għandu jinftiehem fis-sens li jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li tinforma lill-konsumatur, li jkun ippreżenta azzjoni għall-annullament tal-kuntratt b'rabta mat-tneħħija tal-klawżoli inġusti, bl-effetti legali ta' tali deċiżjoni, inklużi pretensjonijiet possibbli għal ħlas lura mill-bejjiegħ jew fornitur (il-Bank), inklużi dawk l-effetti li ma jkunux ġew ikkonstatati fil-proċedura inkwistjoni, kif ukoll dawk l-effetti li l-fondatezza tagħhom ma hijiex ċara, anki f'sitwazzjoni fejn il-konsumatur huwa rrappreżentat minn mandatarju professjonali?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Köln (il-Ġermanja) fit-23 ta' Jannar 2020 – Biofa AG vs Sikma D. Vertriebs GmbH und Co. KG

(Kawża C-29/20)

(2020/C 191/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Biofa AG

Konvenuta: Sikma D. Vertriebs GmbH und Co. KG

Domanda preliminari

L-approvazzjoni ta' sustanza attiva b'regolament ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 [1] tfisser li huwa stabbilit, fil-proċeduri ġudizzjarji fi Stat Membru, il-fatt li s-sustanza li fuqha hija bbażata l-approvazzjoni hija intiża, għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li taġixxi bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċement fiżika jew mekkanika, jew hija l-qorti tal-Istat Membru mitluba tiddeċiedi l-kawża li għandha tiddetermina, fil-konstatazzjonijiet ta' fatt tagħha, jekk il-kundizzjonijiet materjali tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) 528/2012 humiex issodisfatti, anki wara l-adozzjoni ta' regolament ta' implimentazzjoni?

(1) Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU 2012 L 167, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fid-29 ta' Jannar 2020 – E vs Finanzamt N

(Kawża C-45/20)

(2020/C 191/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: E

Konvenut: Finanzamt N

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 168(a) u tal-Artikolu 167 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) jipprekludu ġurisprudenza nazzjonali li, fil-każijiet li fihom il-persuna taxxabbli jkollha, meta tingħata provvista, id-dritt li tagħżel l-allokazzjoni tagħha, teskludi d-dritt ta' tnaqqis meta l-amministrazzjoni fiskali ma tkun tat ebda deċiżjoni ta' allokazzjoni identifikabbli qabel l-iskadenza tat-terminu legali għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni annwali tat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ?

2) L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tqis li fl-assenza ta' indikazzjonijiet (suffiċjenti) ta' allokazzjoni fil-patrimonju tal-impriża, provvista tkun allokata fil-patrimonju privat, jew li hemm preżunzjoni f'dan is-sens?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fid-29 ta' Jannar 2020 – Z vs Finanzamt G

(Kawża C-46/20)

(2020/C 191/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Z

Konvenut: Finanzamt G

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 168(a) u tal-Artikolu 167 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) jipprekludu ġurisprudenza nazzjonali li, fil-każijiet li fihom il-persuna taxxabbli jkollha, meta tingħata provvista, id-dritt li tagħżel l-allokazzjoni tagħha, teskludi d-dritt ta' tnaqqis meta l-amministrazzjoni fiskali ma tkun tat ebda deċiżjoni ta' allokazzjoni identifikabbli qabel l-iskadenza tat-terminu legali għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni annwali tat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ?

2) L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tqis li fl-assenza ta' indikazzjonijiet (suffiċjenti) ta' allokazzjoni fil-patrimonju tal-impriża, provvista tkun allokata fil-patrimonju privat, jew li hemm preżunzjoni f'dan is-sens?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.